A.L. 59 ta' l-1994

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1994 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1994 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-11 ta' April, 1994.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Flat numru 2, Entratura F, Blokk 2, Appartamenti 21 ta' Settembru, 1964, Triq is-Salvatur, Kalkara (Tenement No. 76653).

(2) Flat numru 5, Bieb A, Blokk VII, Triq il-Buganvilla, San Ġwann (Tenement No. 71364).

(3) Flat numru 2, Bieb 2, Proġett ta' Bieb il-Belt, Triq il-Papa Piju V, Valletta (Tenement No. 70523).

(4) Flat numru 11, Blokk 3, Triq San Duminku, Valletta (Tenement No. 62691).